# 1922 – Ir-rikors għat-tridwu tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba

© Rev. Dr Jonathan Farrugia
https://orcid.org/0000-0002-3067-2102

*Nota: Dan l-artiklu inkiteb oriġinarjament f'Diċembru tal-2011 bil-ħsieb li jiġi ppubblikat għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-2012 fl-okkażjoni tad-90 sena minn meta sar ir-rikors li jissemma fit-titlu. Ma kienx intagħżel għall-pubblikazzjoni minħabba raġunijiet ta' spazju u minħabba li kont ippubblikajt verżjoni qasira tiegħu fil-ġurnal "l-Orizzont" nhar id-19 ta' Jannar 2012. Peress li qatt ma erġajt issottomettejtu għall-pubblikazzjoni u peress li qatt ma nkiteb xejn fir-rigward, dis-sena, li taħbat dik ċentinarja minn mindu sar dar-rikors, għażilt li npoġġih online għall-benefiċċju ta' min tista' tinteressah il-materja. Il-kontenut huwa l-istess kif kont ktibtu, imma neħħejt xi partijiet żejda u żidt xi dettalj biex naġġornah skont it-tibdiliet li saru fl-2016. (15 ta' Mejju 2022)*

## Is-sejba tad-dokumenti

Fis-sajf tal-2002 kont ġejt mitlub mill-kappillan tal-Imqabba, Dun Joe Bartolo, biex norganizza l-arkivju tal-parroċċa u naġġorna l-indiċi li kien hemm. Fost il-karti kont sibt irċevuta ta' depositu ta' £100 b'risq it-tridwu tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju (***ara Fig. 1***). Fl-2011, waqt li kont qiegħed il-Kurja fuq xogħol ta' riċerka relatata mal-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba. Dokumenti u Storja*, li ħareġ f'Ottubru ta' dik is-sena, sibt ir-rikors li kien sar biex fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, minn dik is-sena, jibda jsir tridwu bħala tħejjija. Kemm l-irċevuta, kif ukoll ir-rikorsi jġibu s-sena 1922.

**It-tridwu fil-liturġija tal-Knisja**

Il-kelma *tridwu* ġejja mil-Latin *triduum* li tfisser *tlett ijiem*. Il-kunċett ta' tlett ijiem huwa wieħed antik ħafna fil-Kristjaneżmu; fil-fatt huwa wieħed mill-aspetti liturġiċi li l-Knisja wirtet mingħand il-Lhud. Fit-Testment il-Qadim il-motif tat-tlett ijiem huwa wieħed sinnifikattiv ħafna. Fost l-oħrajn nistgħu nsemmu l-episodju ta' meta Abraham jara l-post fejn kellu jissagrifika lil Iżakk wara tlett ijiem mixi (Ġen 22,4), meta Mosè jordna lil-Lhud biex isumu għal tlett ijiem qabel ma' l-Mulej jidher fuq il-muntanja Sinaj (Eż 19,11), meta Ester tagħmel tlett ijiem issum u titlob qabel ma tmur tkellem lil Assweru biex teħles lil ġensha (Est 5,1) u meta l-profeta Ħosegħa jħabbar li fi żmien li għad irid jasal Alla għad iqajjem il-poplu tiegħu wara tlett ijiem biex jgħix quddiemu. It-tema tat-tlett ijiem fit-tradizzjoni Lhudija tfisser dejjem il-preparazzjoni għal intervent divin f'mument ta' kriżi; fil-fatt fis-siltiet kollha miġjuba hawn fuq, ir-riżultat huwa dejjem li Alla ħeles minn xi nkwiet kbir lill-poplu jew lill-persuna li titolbu.

Fit-tradizzjoni nisranija nafu li l-eqdem u l-aktar tridwu mportanti huwa t-tridwu tal-Għid. Nafu li ġa mit-tieni seklu wara Kristu f'Ruma l-festa tal-Għid kellha tlitt ijiem ta' preparazzjoni[1] li kienu jibdew bil-funzjoni tal-Ħamis fil-għaxija. Biż-żmien id-drawwa tat-tlett ijiem ta' tħejjija bdiet tiżdied madwar il-festi Ewkaristiċi, speċjalment bit-tkattir tad-devozzjoni lejn l-Ewkaristija fil-medjuevu. Dawn wasslu għal dawk li llum insejjħulhom il-Kwaraturi (*quaranta ore* "erbgħin siegħa"), li fihom għal tlett ijiem in-nies jitgħallmu dwar l-Ewkaristija. F'Malta, mas-snin, aktar ma kull komunità parrokkjali bdiet tara fil-patrun tagħha l-għajn tal-identità tal-komunità kollha, it-tlett ijiem ta' tħejjija u talb bdew isiru wkoll fil-ġranet ta' qabel il-festi titulari ta' kull knisja. Fis-seklu 20, speċjalment minħabba l-introduzzjoni ta' partiti favur festi ta' fratellanzi, bdew jintalbu l-permessi biex it-tridijiet jibdew isiru wkoll f'festi oħrajn, apparti

[1] Frank Borg, *Liturgy and time* (Malta: 2007), 68.

dawk Ewkaristiċi u titulari. Kull tridwu normalment jikkonsisti fi tlett ijiem li fihom ikun hemm omelija marbuta mal-festa li tkun qed tiġi ċċelebrata u barka sagramentali.[2] F'Malta daħlet it-tradizzjoni tal-mutett kantat li jinkludi l-innu tal-għasar u l-antifona, waqt li fil-festi tal-Madonna titkanta wkoll il-litanija. Qabel l-introduzzjoni tal-quddies filgħaxija fis-snin Sittin, it-tridwu kien isir maqtugħ mill-quddiesa, bħalma għadu jsir f'xi parroċċi.[3] L-għan ewlieni għal kull tridwu huwa li n-nies jitgħallmu aktar fuq l-Ewkaristija jew il-persuna qaddisa li tkun qed tiġi ċċelebrata, biex jieħdu sehem fis-sagramenti u biex itejbu l-ħajja nisranija tagħhom fuq l-eżempju tal-persunaġġ li jkunu qed jiċċelebrawlu l-festa.

## Il-festa tal-Madonna tal-Ġilju qabel l-1922

L-ewwel referenza għall-artal tal-Immakulata fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba ġejja mill-viżta pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares li saret fl-1615,[4] 17-il sena wara li l-Imqabba nqatgħet bħala parroċċa għaliha taħt it-titlu tal-Assunta. Din kienet l-ewwel viżta pastorali fil-knisja parrokkjali l-ġdida ddedikata lill-Madonna wara li għal xi snin kienet tintuża l-knisja ta' San Bażilju. Fil-viżti li jissemmew wara dan l-altar minn dejjem kien wieħed miżmum tajjeb, speċjalment meta fuqu ġew introdotti devozzjonijiet oħrajn, bħalma huma lejn Sant'Anna, lejn il-Bambin tal-Milied u, forsi l-aktar importanti, lejn l-erwieħ tal-Purgatorju. Id-devozzjoni lejn it-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija fl-Imqabba ħadet spinta kbira 'il quddiem fl-1772 meta l-kappillan Bormliż Dun Michele Giacomo Tortella waqqaf il-fratellanza tal-Immakulata. Mill-ewwel

---

[2] John Wynne, *Triduum* minn *The Catholic Encyclopedia* Vol. 15, New York 1912.

[3] Nistgħu nsemmu Ħal Qormi (San Ġorġ) u Ħaż-Żebbuġ f'Malta, u r-Rabat (San Ġorġ) f'Għawdex.

[4] Arkivju Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, 1615, f.237: *Item visitavit alium Altare [...] sub invocatione Immaculatae Conceptionis Beatae Mariae Virginis...* Wara din il-viżta, għal xi snin kien magħruf bħala "tas-Sokkors" imbagħad l-isem jerġa' jsir "tal-Immakulata Kunċizzjoni."

statut tal-frantellanza nafu li din, bħall-fratellanza Marjana l-oħra mwaqqfa fl-Imqabba, dik tal-Madonna tar-Rużarju, kienet tieħu sehem fil-festi kollha tal-parroċċa u kellha tnejn li kienet responsabbli minnhom hi: dik proprja tal-fratellanza li kienet issir fit-8 ta' Diċembru, u oħra devozzjonali li kienet issir fit-tielet Ħadd ta' Mejju, sa mill-bidu msejjħa "del Giglio."[5] Li l-festa tat-8 ta' Diċembru kienet il-festa ewlenija tal-fratellanza ma hemm l-ebda dubju, fil-fatt nafu b'legat ta' Maria Teresa Zammit li sar quddiem in-nutar P. Paolo Magri fis-16 ta' Otturbu 1776 li fih ħalliet xi flus biex isiru sitt quddisiet għall-intenzjoni tagħha fin-novena tal-Immakulata.[6] Ma nsibux legati simili marbutin mal-festa li kienet issir f'Mejju.

Qabel l-1922 il-festa tal-Madonna tal-Ġilju fil-knisja kienet tikkonsisti f'żewġ għosrien, quddiesa kantata u purċissjoni. Qabel ma l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ngħatat lill-parroċċa minn Innoċenz Zammit "in-Naxxari" f'Mejju tal-1876 ma nafux fiċ-ċert kienetx tintuża xi statwa oħra.[7]

---

[5] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Ascritti Immacolata Concezione*, regola 9 tal-ewwel statut tal-Fratellanza, 3 ta' Jannar 1772.

[6] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Libro fondazioni Chiesa Parr.le Micabiba*, p.228: *...et de eorum fructibus singulis annis in perpetuum celebrari facese in dicta s. ecclesia parrochiali et* ***in Novena Conceptionis B. Mariae*** *sex missas cantatas....*

[7] Fil-kitba li kien ħalla l-Kappillan dun Tumas Agius meta waslet fil-parroċċa l-istatwa titulari tal-Assunta fl-1836 naqraw illi l-Imqabbin kellhom ħafna devozzjoni lejn l-istatwa ta' qabel, tant li kienu joħorġuha proċessjonalment diversi drabi matul is-sena: "*Che tali furono i detti abitanti prova sufficiente ci dà la loro statua della B.V.M. Assunta in cielo, la quale, benché era fatta all'uso antico e pochissima figura ne portanva, tuttora le prestavano omaggio, la venerazione più singolare, portandola in processione più volte l'anno.*" (Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notize storiche appartenenti a cotesta Santa Parrochiale Chiesa della terra Micabiba, ricavate da documenti antichi*, f. 21.) Jista' jagħti l-każ għalhekk li l-istatwa l-antika tal-Assunta kienet tintuża wkoll f'dawn iż-żewġ festi tal-fratellanza tal-Immakulata. Dan iwassalna biex nifhmu li anke l-istatwa titulari preżenti kienet tintuża fil-purċissjonijiet kollha tal-Madonna sakemm l-ewwel saret il-vara tal-Madonna tar-Rużarju, probabbli

Mill-kontijiet tal-fratellanza tal-bidu tas-seklu 20 naraw li l-fratellanza tal-Immakulata kienet tħallas għan-novena u għall-festa tat-8 ta' Diċembru, kif ukoll għall-quddiesa kantata nhar il-festa ta' Sant'Anna, imma ma nsibux notamenti ta' ħlasijiet li jirrigwardaw il-festa tal-Madonna tal-Ġilju.[8] L-ewwel referenza f'dan il-ktieb tal-kontijiet għall-festa ta' Mejju nsibuha fin-notamenti tad-dħul tas-snin 1924-1927, fejn naqraw "*Legato pel triduo della B.V.M. vulgo tal Gigliu Cap. £100 – Cassa Pie Amm.ni*"[9] u mbagħad fil-paġna ta' wara naqraw li l-fratellanza ħarġet £1.9.3 u nofs "*per due vespri e una messa p(er) a(anni) 1924 e 1925 della B.V. vulgo tal Gilgliu*"[10] (***ara Fig. 2a-d***). Il-prokuratur, skont dan il-ktieb tal-kontijiet, kien Andrea Magro magħruf bħala "ir-Romblu."

**Andrea Magro u l-fondazzjoni għat-tridwu**

Magro ma kienx biss il-prokuratur tal-fratellanza bejn l-1924 u l-1927, imma kien ukoll il-moħħ wara l-fondazzjoni għat-tridwu tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Magro twieled nhar il-5 ta' Awwissu 1891 filgħodu u tgħammed dakinhar stess filgħaxija minn Dun Alfons Caruana, delegat tal-kappillan (***ara Fig. 3***). Il-ġenituri tiegħu kienu Michele Magro u Maria Barbara u ngħatawlu l-ismijiet Andreas Joseph Josemaria, waqt li l-parrini tiegħu kienu Innocentius Magro, iben Nicola, u Innocentia Barbara, armla, it-tnejn mill-Imqabba.[11] Huwa pprofessa fil-fratellanza tal-Immakulata fl-1922[12] (***ara Fig. 4***). Din kienet is-sena li fiha għamel ir-rikors biex jittwaqqaf it-tridwu. Kellu kważi 31 sena.

---

minn xi alljiev ta' Xandru Farrugia, u eventwalment sa meta l-parroċċa akkwistat b'rigal l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju.

[8] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Libro Quitanze Conf. Imm.ta Concezione Mqabba*, f. 2b, 3, 5b, 6.

[9] ibid. f. 7b, 8.

[10] *ibid*. 8b.

[11] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Liber Baptizatorum VII 1871-1900*, f.427.

[12] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Libro annualità v. Conf.ta Imm.ta Concezione Micabiba*, p.172.

Sentejn wara li pprofessa sar il-prokuratur għal tliet snin[13] (***ara Fig. 5***). Fl-aħħar sena tal-prokura tiegħu huwa pprova wkoll jagħmel kanapew ġdid għat-tabernaklu biex jintuża fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Skont ir-rikors[14] li għamel fl-10 ta' Settembru 1927 hu kien ġa ġabar il-flus għalih, imma l-permess mill-Kurja ma ħariġx. Baqa' jħallas il-annwalità tal-fratellanza sal-1947 u miet fl-1954. Skont ir-reġistru tal-mejtin instab mejjet f'daru, nru 2 Triq Santa Katarina, nhar it-2 ta' Marzu u ndifen fil-qabar nru 22 tal-parti komuni taċ-ċimiterju tar-raħal. Ma kienx miżżewweġ[15] (***ara Fig. 6***).

M'hemmx dubju li lejn tmiem is-seklu 19 il-festa ta' Mejju kienet diġà tgawdi ċerta popolarità. Nafu li meta l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ngħatat lill-parroċċa u ddaħħlet għall-ewwel darba fil-knisja fil-21 ta' Mejju 1876 kien hemm il-mużika qed titmexxa mis-surmast Paolo Nani, wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin ta' dak is-seklu. Ladarba fil-kotba tal-kontijiet tal-fratellanza l-ispejjeż ma jissemmewx, dan jagħtina x'nifhmu li forsi f'dak iż-żmien l-ispejjeż tal-festa kienet toħroġhom il-parroċċa, bħalma jsir illum. Wara t-twaqqif tal-każin Pio X fl-1911 il-festa tal-Madonna tal-Ġilju bdiet ftit ftit tikber f'dik li hija l-manifestazzjoni esterna, speċjalment biż-żieda notevoli fl-armar u n-nar. Madanakollu fl-ewwel 11-il sena tal-ħajja tal-każin ma għandniex referenza għal żieda fil-funzjonijiet liturġiċi. Dan jagħtina x'nifhmu li f'għajnejn il-fratellanza, sakemm huwa possibbli li din inqisuha bħala entità awtonoma mill-każin, minkejja li l-membri tagħha kienu l-istess membri tal-każin, il-festa ewlenija tagħha kienet għadha dik tal-Immakulata,

---

13 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Libro C Conf.ta Immacolta Concezione Micabiba*, p.1. F'dan il-ktieb, li nbeda minn Magro stess, insibu reġistrati l-imgħaxxijiet tas-snin 1924-1926 tal-£100 li hu kien iddepożita. Kull sena l-imgħaxx kien ta' £3 li minnhom kienu jitħallsu l-ispejjeż tat-tridijiet u kien jibqa' xi ħaġa qliegħ ukoll.

14 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche 1927* vol. II, 334/1927.

15 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Liber defunctorum VIII 1949-1979*, p.35.

iċċelebrata permezz ta' novena, żewġ għosrien, quddiesa kantata u purċissjoni.

Il-pass deċiżiv biex il-festa tal-Madonna tal-Ġilju ħadet il-forma li għandha llum, f'dak li jikkonċerna l-festa fil-knisja, sar fl-1922 meta Andrea Magro ħareġ bl-idea li jagħmel rikors biex jibda' jsir it-tridwu qabel il-festa, l-istess kif kien ilu jsir fil-festa titulari tal-Assunta sa mis-seklu 19. L-1922 hija sena sinnifikattiva ħafna għall-partit tal-Ġilju minħabba li dik is-sena żżanżnet il-vara tal-Immakulata rebbieħa fuq ix-xitan, l-ewwel waħda tal-kobor tagħha fl-Imqabba. Xejn ma jwaqqafna milli naħsbu li l-ħidma kbira u l-ħeġġa tal-partitarji li wasslet biex issir din l-istatwa u ħafna xogħol ieħor ma kellhiex xi forma ta' estensjoni biex fl-istess sena tikber ukoll il-festa nterna.

## Ir-rikors (*ara Fig. 7a-b*)

Matul dik is-sena Magro ġabar £100 biex dawn jiġu ddepożitati fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni*[16] tal-Kurja biex mill-imgħax tagħhom ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż għal tliet għosrien, tliet quddisiet kantati u tliet priedki. It-traduzzjoni bil-Malti tar-rikors,[17] li sar bit-Taljan nhar l-4 ta' Marzu 1922, hija din:

*Lill-E.T. Mons. Dom Mauro Caruana OSB, Arċisqof ta' Malta eċċ. eċċ. eċċ.*

*Rikors umli ta' Andrea Magro, mill-Imqabba.*

*Jesponi bil-qima li huwa ġabar mingħand divesi fratelli tal-fratellanza tal-Verġni Mqaddsa tal-Kunċizzjoni tal-Imqabba u mingħand nies twajba oħra, is-somma ta' mitt lira sterlina, sabiex*

[16] din kienet forma kont bankarju fil-Kurja li fih kienu jitpoġġew il-ħlasijiet kollha tal-parroċċi biex jiġu nvestiti u minnhom jidħol l-imgħax biex imbagħad minn dan jitħallsu xi funzjonijiet.
[17] Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche 1922*, 130/1922.

*din is-somma tiġi ddepożitata fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni *ta' din id-djoċesi biex minn dan it-tfaddil tiġi mwaqqfa fondazzjoni perpetwa għal tridwu qabel il-festa tal-Verġni Mqaddsa msejjħa "tal-Ġilju" li tiġi ċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Mejju fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Dan it-tridwu għandu jikkonsisti fi tliet għosrien, tliet priedki u tliet quddisiet kantati.*

*Ir-rikorrent għalhekk jitlob bl-umiltà kollha:*

1. *li din il-fondazzjoni tiġi aċċettata kif imiss mill-awtorità ekkleżjastika permezz tad-depożitu ta' dawn il-mitt lira sterlina fl-imsemmija cassa;*
2. *li din il-fondazzjoni tkun amministrata minn dak li jkun magħżul bħala prokuratur tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, u*
3. *li din il-fondazzjoni msemmija tibda minn din is-sena li qiegħedin fiha, 1922, bl-obligu tar-rikorrent li jħallas l-ispejjeż dovuti kollha għal din is-sena 1922.*

*Andrea Magro*

*Ippreżentat minn Giov. Camilleri nhar l-4 ta' Marzu 1922*

*Sac. P. Vella Magnion, Kanċillier*

Minn dan ir-rikors diġà nifhmu xi punti fundamentali li jgħinuna nibnu aħjar l-istorja bikrija tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju kif nafuha llum u r-rabta aktar stretta li nħolqot mal-fratellanza tal-Immakulata.

L-ewwel nett ninnutaw illi Magro ma jiffirmax bħala l-prokuratur tal-fratellanza. Mir-reġistru tal-ħlas tal-annwalità nafu li Magro sar fratell proprju f'din is-sena, meta kellu 31 sena. Fi żmien meta prattikament kulħadd kien isir fratell ta' età relattivament żgħira, speċjalment f'dan iż-żmien li fih kienu qed jissaħħu l-partiti tal-festi li jafu l-oriġni tagħhom proprju mill-

fratellanzi, stramba kif Magro stenna sakemm kellu 31 sena biex jipprofessa. Il-professjonijiet kienu jsiru nhar xi festa li kienet tieħu ħsieb il-fratellanza, jiġifieri jew fit-tielet Ħadd ta' Mejju jew inkella fil-festa tal-Immakulata. Dan ifisser li meta sar dan ir-rikors, f'Marzu, hu kien għadu ma sarx membru ta' din il-fratellanza. Skont l-eqdem reġistru tas-soċji taċ-Circolo Pio X disponibbli, Magro ma kienx tesserat fil-każin,[18] imma l-fatt li tħabat biex jibda jsir dan it-tridwu jixhed li l-festa ta' Mejju kienet għal qalbu. Il-fatt li sar fratell dik l-istess sena xaharejn jew disa' xhur wara jimplika li dehrlu (jew li ħaddieħor ikkonvinċieh) li kienet ħaġa xierqa li jidħol jagħmel parti mill-fratellanza ladarba hu kien il-moħħ wara t-tridwu u ladarba wkoll kien għabba lill-prokuratur bl-amministrazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk imkien fir-rikors ma jissemma li l-inizzjattiva għal dan it-tridwu kienet ġejja mill-fratellanza jew mill-prokuratur, li dak iż-żmien kien il-mastru bennej Paolo Xuereb, skont il-ktieb tal-kontijiet tal-istess fratellanza.[19] Magro jidher li ppreżenta dan ir-rikors u ħadem għalih bħala persuna privata, mhux f'isem il-fratellanza. Il-fatt li l-amministrazzjoni tat-tridwu tibda tidher fil-kontijiet minn meta sar prokuratur hu, u mhux minn qabel, jista' jtina x'nifhmu li l-prokuratur ta' qablu ma qabilx mal-pass li għamel Magro, milli jidher, minn rajh.

Meta huwa jitkellem fuq il-festa tal-Madonna tal-Ġilju, dwarha huwa jgħid "*che si celebra nella terza domenica di Maggio nella S. Parrochiale Chiesa della Micabiba*", bla ma jsemmi li kienet tieħu ħsiebha l-fratellanza. Dan jagħti aktar piż għall-fatt li, kif rajna, fil-ktieb tal-kontijiet tal-fratellanza tal-bidu tal-seklu 20, il-festa tal-Madonna tal-Ġilju ma tissemmhiex, u allura jaqbel xi ftit jew wisq mal-ipoteżi li għal xi raġuni l-ispejjeż tal-festa kienet

---

18 Korrispondenza ma' Dr Charles J. Farrugia fit-2 ta' Jannar 2012.

19 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Libro Quitanze Conf. Imm.ta Concezione Mqabba*, f. 4b u 5.

toħroġhom il-parroċċa. F'dan ir-rikors il-fratellanza tissemma fl-ewwel parti meta Magro jgħid li l-flus ġabarhom, fost l-oħrajn, mingħand xi fratelli, u fil-kundizzjonijiet li jpoġġi fl-aħħar parti tar-rikors, meta jgħid li l-amministrazzjoni tal-fondazzjoni kellha tkun f'idejn il-prokuratur.

L-aħħar punt li jiġbdilna l-attenzjoni huwa li jgħid li l-flus ġabarhom "*da diversi confratelli della confraternità della B.V. della Concezione della Micabiba e da altre pie persone.*" Dan ifisser li l-flus inġabru anke mingħand nies li ma kienux membri tal-fratellanza tal-Immakulata. U hawn tidħol il-mistoqsija: dan-nies min kienu? Meta nqisu l-qawwa li kellha l-Knisja fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru, u meta nżommu f'moħħna li fl-irħula prattikament kulħadd kien ikun membru ta' fratellanza (jew ta' kollha), diffiċli nimmaġinaw li dawn l-"*altre pie persone*" ma kienux huma wkoll membri ta' xi fratellanza oħra tar-raħal. Bi kliemu Magro donnu ried jimplika li kien hemm anke xi membri tal-fratellanzi l-oħra (jiġifieri partitarji tal-każin l-ieħor li kien jilqa' fih il-fratelli tas-Sagrament u tar-Rużarju) li wkoll offrew xi flus biex seta' jitwaqqaf dan it-tridwu. Jista' jkun. Irridu nżommu f'moħħna li fil-bidu tas-snin għoxrin, minkejja li diġà kien hemm ir-rivalità bejn il-partiti f'dawk li huma każini u festi esterni, din mhux neċessarjament kienet tirrifletti rivalità fil-knisja. Inizjattiva għal xi attività reliġjuża li kellha ssir fil-knisja fil-ġranet ta' xi festa dak iż-żmien kellha aktar ċans issib appoġġ mingħand kulħadd milli kieku jkollha llum.

Milli jagħtina x'nifhmu dan ir-rikors, għalhekk, jidher illi r-rabta kif narawha llum bejn il-fratellanza tal-Immakulata u l-festa tal-Madonna tal-Ġilju bdiet fl-1922 (jew inkella fl-1924, meta sar prokuratur Magro), bħala konsegwenza tat-twaqqif tal-każin fl-1911.

**Ir-risposta għar-rikors (*ara Fig. 8*)**
Flimkien ma dan ir-rikors kien hemm ukoll ir-risposta[20] li ngħatat mill-Kurja nhar it-12 ta' April 1922:

*Naċċettaw u nwaqqfu kanonikament il-fondazzjoni li dwarha jitkellem dan ir-rikors ladarba jsir id-depiżitu tal-£100 fil-*Cassa delle Pie Amministrazioni*, u ma' dan niċċaraw li għandha tiġi assolutament eskluża kull tip ta' mużika* [bl-orkestra] *f'dawn il-funzjonijiet, jiġifieri tliet għosrien, tliet priedki u tliet quddiesiet kantati, li għandhom jiġu akkumpanjati biss bl-orgni u, flimkien ma' dan, għandha tiġi eskluża kull xorta ta' manifestazzjoni esterna.*

*Mogħti mill-Kurja tal-Arċisqof ta' Malta nhar it-12 ta' April 1922.*

*Fra A. Portelli O.P.,*
*delegat tal-Vigarju Ġenerali*

Minn din it-tweġiba nifhmu li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ma kienux kontra li jiżdiedu l-funzjonijiet liturġiċi fil-festi tal-fratellanzi, basta dawn isiru b'ċerti limitazzjonijiet, bħal per eżempju li ma setgħetx tiġi mikrija orkestra biex takkumpanja bil-mużika fil-knisja kif kien u għadu isir fit-tridwu tal-festa tal-Assunta. Barra minn hekk dan id-dokument itina x'nifhmu li l-awtoritajiet kellhom xi xamma li forsi ż-żjieda tat-tridwu setgħet tintuża bħala skuża biex jiżdiedu wkoll il-ġranet tal-festa esterna, u għalhekk ir-risposta tgħid ċar u tond li kellha tkun "*esclusa ogni sorta di esteriorità.*"

Dal-kumment iwassalna wkoll biex nagħmlu ri-interpretazzjoni aktar korretta ta' dak li ntqal spiss dwar ir-restrizzjonijiet li saru fl-1935 fuq il-festi mhux titulari. L-opinjoni l-aktar komuni hija li l-manifestazzjoni esterna tal-festi mhux titulari ġiet ristretta għal jumejn biss fl-1935; iżda kif naqraw ċar

[20] Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *op. cit*.

f'din in-nota l-awtoritajiet tal-Knisja ġa kienu kontra li jiżdiedu l-ġranet ta' dawn il-festi esterni u ma kienux jagħtu permess għalihom, anke jekk il-festi interni setgħu jikbru.

Kien x'kien il-każ, minn dik is-sena, jew minn ftit wara, beda jsir it-tridwu fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, li milli nistgħu nifhmu kien jibda' mill-Erbgħa filgħaxija, biex imbagħad lejliet u nhar il-festa jitkompla l-programm kif kien isir qabel, permezz tal-għasar ta' lejlietha, il-quddiesa solenni, it-tieni għasar u l-purċissjoni. Dik is-sena, u probabbli anke ta' wara, ħallas għall-ispejjeż Magro[21] stess peress li l-ħlasijiet jibdew jidhru mill-kontinijiet tal-1924, is-sena li fiha hu stess laħaq prokuratur.

**L-irċevuta** (***ara Fig. 9***)

Id-dokument l-ieħor li sibt, li fil-fatt kien l-ewwel wieħed li ġie f'idejja fl-2002, huwa l-irċevuta[22] tad-depositu tal-flus li jagħamel Andrea Magro fit-8 ta' Mejju 1922:

*Kaxxa għad-depositi tal-flus għall-*Pie Amministrazioni
*li tinsab fil-palazz tal-arċisqof il-Belt Valletta*

*Dikjarazzjoni ta' depożitu miktuba fuq żewġ kopji biex tiġi nnutata fir-reġistru merfugħ fil-Kurja tal-Arċisqof*

*Nru 785* *£100,0,0*

*Valletta 8 ta' Mejju 1922*

*Irċevejna fil-kaxxa msemmija s-somma ta' Liri Sterlini mija mis-sinjur Andrea Magro, li joqgħod fl-Imqabba, iben Michele. Din is-*

---

[21] Fir-rikors Magro kiteb li kien lest li jħallas għall-ispejjeż tal-1922. La ma nsibux notament għall-ħlasijiet tal-1923, nassumu li ħallashom hu wkoll.

[22] Ġabra ta' rċevuti tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni miżmuma fl-arkivju parrokkjali tal-Imqabba.

*somma ta' £100,0,0 hija d-dota għall-fondazzjoni perpetwa għal tirdwu li għandu jsir qabel is-solennità tal-Verġni Mqaddsa msejjħa "tal-Ġilju" li tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Mejju fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba, biex tkun amministrata mill-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' dan ir-raħal, awtorizzata bid-digriet tat-12 ta' April 1922, u li ġejja minn donazzjonijiet magħmula minna diversi fratelli ta' din il-fratellanza u minn persuni twajba oħra.*

*U dan sabiex din is-somma tkun użata fil-postijiet twajba ta' din id-djoċesi u biex mill-imgħax tagħha jkun iċċelebrat it-tridwu msemmi.*

*Paolo Galea, reġistratur*

**Il-festa tal-Madonna tal-Ġilju mill-1922 'il quddiem**

Sfortunatament fl-arkivju parrokkjali m'għandniex programmi dettaljati tal-funzjonijiet liturġiċi tal-festa ta' qabel is-snin Ħamsin. L-eqdem programm huwa dak tal-1954, imma f'din is-sena kienu ingħataw xi permessi speċjali ħabba ċ-ċentinarju tad-domma tal-Immakulata. Il-programm ta' wara ġej mis-sena 1963. Minn dan nistgħu nistħajlu kif seta' kien ikun il-programm sħiħ tal-festa peress li kienu għadhom ma ġewx introdotti r-riformi liturġiċi tat-Tieni Konċilju Vatikan, b'mod partikulari l-quddiesa ta' filgħaxija. Biss irridu nżommu f'moħħna li dan il-programm kien suġġett għal-limitazzjonijiet imposti mill-konċilju reġjonali tal-1935 li fih kien ġie ordnat li t-tridijiet tal-festi sekondarji kellhom jibdew minn tlett ijiem eżatt qabel il-festa, iġifieri mill-Ħamis, mhux minn tlett ijiem qabel lejlietha bħalma jsir fil-festi titulari.[23]

Skont il-programm tal-festa tal-1963 u tas-snin ta' wara naqraw illi t-tridwu kien jibda l-Ħamis filgħaxija permezz tal-

[23] Sacra Congregatio Concilii, *Concilium Regionale Melitense. Decreta*, Appendix XV n.1a, (Melitæ: Empire Press, 1936), 91: "*In triduo vel novendiali, quae fiunt* **tribus** *vel novem* ***diebus immediate festum praecedentibus***..."

għasar u l-priedka, mingħajr il-quddiesa, peress li kienu għadhom ma ġewx introdotti ir-riformi liturġiċi tal-Konċilju. Wara kien isir il-mutett bl-orgni li matulu kienu jitkantaw l-antifona u l-litanija u tingħata l-barka sagramentali. Il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu kienet issir quddiesa kantata. Is-Sibt filgħaxija kien isir l-għasar, titkanta l-antifona u tingħata l-barka.

Minn hawn nistgħu nassumu li bejn l-1922 u l-1935 il-priedki tat-tridwu kienu jsiru filgħaxija l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, waqt li l-quddies kantat li jissemma fir-rikors kien isir filgħodu mill-Ħamis sas-Sibt. Wara r-restrizzjonijiet li ġew imposti mill-1936 'il quddiem il-fratellanzi tal-festi mhux titulari ressqu kollox b'ġurnata biex it-tridijiet jibqgħu tlieta, fejn l-aħħar ġurnata tat-tridwu tikkoinċidi ma' lejliet il-festa. Fl-Imqabba s-Sibt baqa' jissejjaħ lejliet il-fetsa flok l-aħħar tridwu, għalkemm il-funzjoni ta' filgħaxija ssir bħall-ġranet l-oħra, imma mingħajr il-priedka. Fl-1972 bdiet issir il-quddiesa filgħaxija flok il-għasar skont ir-riforma tal-Konċilju u għalhekk il-priedki tat-tridijiet bdew isiru fil-quddies ta' filgħaxija l-Ħamis u l-Ġimgħa ta' qabel nhar il-festa, waqt li wara kienet isir il-kant u tingħata l-barka. Is-Sibt baqa' jsir l-għasar u l-kant qabel il-quddiesa, li ma kienx ikollha l-istess predikatur tal-ġranet ta' qabel.[24] Din l-anomalija tranġat fl-2016 meta fil-quddiesa ta' lejliet il-festa bdiet issir it-tielet priedka tat-tridwu u l-kant u l-barka bdew isir wara, kif suppost.[25]

---

[24] Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju 1972.

[25] Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju 2016. Bi żvista għal xi tliet snin baqa' jinkiteb li l-kant u l-barka jsiru wara l-għasar, waqt li ż-żjieda tal-predikatur għat-tielet omelija tissemma.

**Noti għal mal-istampi**

**Fig. 1**: L-irċevuta mogħtija lil Andrea Magro għad-dopiżitu ta' £100 sterlina b'risq it-tridwu tal-Madonna tal-Ġilju, iddatata 8 ta' Mejju 1922.

**Fig. 2a**: Notamenti ta' ħlasijiet mil-*Libro Quittanze* tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni għas-snin 1919-1920.

**Fig. 2b**: Notamenti ta' ħlasijiet mil-*Libro Quittanze* tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni għas-sena 1923.

**Fig. 2c**: Notamenti ta' ħlasijiet mil-*Libro Quittanze* tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni għas-snin 1924-1925 fejn jissemmew għall-ewwel darba l-ispejjeż tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju mħallsin mill-Fratellanza.

**Fig. 3**: Nota dwar il-magħmudija ta' Andrea Magro.

**Fig. 4**: Nota dwar il-professjoni fil-Fratellanza u l-pagamenti ta' Andrea Magro mil-*Libro delle Annualità*.

**Fig. 5:** Nota mil-*Libro C* tal-Fratellanza fejn jissemma l-amministratur il-ġdid Andrea Magro fl-1924.

**Fig. 6**: Ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' Andrea Magro.

**Fig. 7a**: L-ewwel parti tar-rikors preżentat minn Andrea Magro fl-4 ta' Marzu 1922.

**Fig. 7b**: It-tieni parti tar-rikors preżentat minn Andrea Magro fl-4 ta' Marzu 1922.

**Fig. 8:** Ir-risposta mill-Kurja għar-rikors ta' Magro, iddatata 12 ta' April 1922.

Cassa Depositi del danaro delle Pie Amministrazioni

ESISTENTE NEL PALAZZO ARCIVESCOVILE DELLA VALLETTA.

*Dichiarazione di deposito inscritta in duplicato per lo stesso effetto nel libro Registro conservato nella Curia Arcivescovile.*

**No** D'Ordine 765 . £s 100"0"0

Kont Nru: DP/50

Valletta 8 Maggio, 1922

Ricevuta nella suddetta Cassa la suindicata somma di Lire Sterline. cento dal Signor Andrea Magro, residente alla Micabiba, di Michele.

La quale somma di £100"0"0 costituisce la dote della fondazione perpetua di un triduo antecedente la solennità della B. V. detta "Tal Gilju", che si celebra nella terza Domenica di Maggio, nella Parr.le Chiesa della Micabiba, da essere amministrata dalla Confraternita della Immacolata Concezione di detto casale, autorizzata con Decreto del dì 12 Aprile 1922, e proviene, tale somma, da elargizioni fatte da diversi confratelli della predetta Confraternita e da altre pie persone.

E ciò all'oggetto di essere ser. serv. impiegata presso i Luoghi Pii di questa Diocesi e dal relativo lucro celebrarsi detto triduo.




Can. Paolo Galea
Depositario

Fig 1

# Esito

| Fol | Pagati | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | (Lib: A.) | | | |
| 188 | " | al Punt: per Messe Cantate della Novena dell'Immacolata Concezione di a/1 al 1919 N 14 V Lib Ric | 2 | 3 | 5 4/12 |
| 238 | " | al Punt: per la Festività della Concezione di M.V. di a/1 al 1919 Vedi Lib Ric £ 8 9 6 | | | |
| | " | al suddetto p Messa Cant: del dì Festivo di di Sant'Anna di a/6 al 1917 — 1 0 10 | 9 | 10 | 4 |
| 275 | " | al Sac S. Schembri per lucri del Capitale di £ 65 di a/10 al 17 Luglio 1919 Lib Ricev Fol 5. 6. 8. £ 1 12 6 | | | |
| | " | per argentatura di 3 Carte Gloria ed altro Doc 1 — 1 6 4 | | | |
| | " | per 2 Ferrette per l'Altare Maggiore della Concezione Doc 2 — " 17 " | | | |
| | " | per trasporto di Cadaveri — " 18 3 | | | |
| | " | alla Lavandaja per lavatura e stiratura di Biancheria — " 8 8 | | | |
| | " | per argentatura del Lampadario dell'Altare Concezione — " 6 4 | | | |
| | " | per diritto del Conto passato — " 5 2 | | | |
| | " | per piccole spese — " 3 4 | 5 | 17 | 7 |
| | | £ | 17 | 11 | 4 4/12 |

| Fol | Pagati | Rip: | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | (Lib: B.) £ | 17 | 11 | 4 4/12 |
| 108 | " | a C. Borg Ciappara ed altri per Cera Doc A B C e Lib Ric Fol 5. 10. 12 | 8 | 6 | 4 6/12 |
| 140 | " | per 7 Uffici e 7 Messe Cant: celebrate pei Confratelli e Consorelle dal 1913 al 1919 | 3 | 5 | 0 |
| 161 | " | al Punt per Messe Cant 28 celebrate pei Confratelli e Consorelle dal 1913 al 1920 (Vedi Lib Ric) | 4 | 9 | 11 4/12 |
| | | £ | 33 | 12 | 8 2/12 |

## Bilancio

| | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|
| Introito | £ | 53 | 6 | 5 |
| Esito | | 33 | 12 | 8 2/12 |
| a Debito | £ | 19 | 13 | 8 10/12 |

S: E e Omi

Valletta 28 Luglio 1920
C. Salomone Cont.

(Segue)

Fig. 2a

# Esito

| Fol | Pagati | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | (Lib: A) | | | |
| 188 | " | per Messe Cant: della Novena dell'Immacolata Concezione N° 7 di 1/4 al 1923 (Vedi Lib. Puntatore). | 1 | 7 | 2 8/12 |
| 240 | " | per spese incorse nella Festività della Immacolata Concezione di 1/4 al 1923. (Vedi Lib Punt:) 7 11 " | | | |
| | " | per Messe Cant: in onore di Sant'Anna di 1/4 al 1923 (Vedi Lib Punt) 16 6 8/12 | 8 | 7 | 6 8/12 |
| 277 | " | Per lucri del Capitale di £ 5.8.4. fino il giorno di restituzione seguita il 5 Feb: 1924. Doc B C . 14 9 | | | |
| | " | Il Capitale venne restituito alla Lampade di Miracoli nel 1924 5 8 4 | | | |
| | " | per trasporto di Cadaveri 1 5 6 | | | |
| | " | per lavatura di Tovaglie . 2 5 | | | |
| | " | per un Libro Conti " 2 " | | | |
| | " | per formazione dei Conti Doc 1 " 10 2 | | | |
| | " | per abitini dell'Immacolata " 5 . | | | |
| | " | per diritto del Puntatore . 3 . | 8 | 11 | 2 |
| | | (Lib: B) | | | |
| 109 | " | per Consumo di Cera e Cera in Candele Doc a | 3 | 5 | 9 |

Fig. 2b

| | £ | 21 | 11 | 8 4/12 |
|---|---|---|---|---|

| Fol | Pagati | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Rip. | £ 21 | 11 | 8 4/12 |
| 140 | " | per Ufficio e Messe Cantate pei Confratelli e Consorelle def. di 1/4 al 1923 (Vedi Lib Punt.) £ 2.17.4 4/12 | | | |
| | " | per diritto del Puntatore . . 6 8/12 | 2 | 17 | 11 |
| 162 | " | per Messe Cantate N° 19 celebrata per diversi Confratelli e Consorelle decessi lungo il corso di quest'anno (Vedi Lib Punt) | 3 | 16 | 4 |
| | | | £ 28 | 5 | 11 4/12 |

## Bilancio

Introito £ 52.15.0 10/12

Esito 28.5.11 4/12

a Debito £ 24.9.1.6/12

S. C. Cori

Valletta 20 Maggio 1924.

C. Salomone Confto

Visto. si rileva che durante questo anni d'Ammna: il bilancio in cassa si è aumentato di piari di £ 5. e ciò dopo d'aver il sig. Proc. restituito il Capitale di £ 5.8.4. dovuto alla Ven: Lampade Miracoli e celebrate le solennità delle Festività comprese in questo Ammna e adempito i suffragi

| Fol. | — Esito. — | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|
| | - Libro A. - | | | |
| 189 | Pagato per 4. Messe Cant: della norma a 2 per anno 1924-1925 | " | 15 | 6 8/12 |
| 24 | " per Messe Cant: 3 di S. Anna a 1 p. a al 1926. toc: Punt: | " | 11 | 8 |
| | " per due Vespi e una Messa. p. a 1924 e 1925. delle B.V. vulgo tal Gidlin toc Punt: | 1 | 9 | 3 6/12 |
| | " per 2 Matutini 1924 e 1925. toc Punt: | " | 13 | 10. |
| | " per due panegirici £4-11-5 | " | 17 | 6. |
| | " per diritto puntatore. | " | " | 10 6/12 |
| | " servente | " | 5. | " |
| | " per un sacerdote extraο. | " | 5. | " |
| | " Campanaro, casi, illuminazione. | " | 8 | 3 |
| | £ s d | 5 | 6 | 11 8/12 |
| 278 | Pagato per revisione dei conti - toc. " 11 2 | | | |
| | " per trasporto di cadaveri " 13. | | | |
| | " in occasione dell'arrivo del braccio di S. Fr.co Saverio toc. " 5 " | | | |
| | " per 4 bracci " 16 " | | | |
| | " per un libro annualità " 4 " | | | |
| | " bucato tovaglie " " 7 6/12 | 2 | 9 | 9 6/12 |
| | - Libro B. - | | | |
| 109 | Pagato per candele. toc. | 1 | 8 | 2. |
| 141 | " per due uffici dei morti e due Messe Cantate - suffragi generali 1924 1925. | 1 | 10 | 5. |
| | Da ripot: | £ 10 | 15 | 4 2/12 |

| | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|
| | Ripot: | 10 | 15 | 4 2/12 |
| 163 | Pagato per Messe Cant: 11 per altrettanti confratelli e consorelle morte toc Punt. | 2 | 2 | 9 4/12 |
| | | £ 12 | 18 | 1 6/12 |

- Libro speciale -

| | | £ | s | d |
|---|---|---|---|---|
| | - Legato per triduo delle B.V. M. vulgo tal Gidlin - | | | |
| 87 | Pagati per tre Messe e tre Vesperi per anno 1924-1925-1926 toc 3. | 5 | 14 | 2. |
| | " per prediche di detti tridui 1924-1925-1926. | 2 | 5 | 0. |
| | " per cera. | 1 | 0 | 0 |
| | | £ 8 | 19 | 2. |

Fig. 2c

Die 13 Sept. 1924.
Par. P. [illegible]

Die Quinta (5°) Augusti 1891

Andreas Magro

Rev.dus Don Alfonsus Caruana delegatus baptizavit infantem hodie ante mer. natum ex Michaele Magro, et Maria Barbara conjug. cui impositum fuit nomen Andreas Joseph Joes Maria. Patrini fuere Innocentius Magro fil. Nicolai, et Innocentia vid. Barbara ex hac parœcia.

Fig. 3

Magro Andrea
Prog. l'anno 1922

Pagò fino al 1927. £ 1 2 .
Pagò fino al 1947
1968 [illegible]

Lorenzo
Prog 1965 Mangion ~~Emmanuele~~ f. di Salvatore £ - 2 -
pagò fino al 1966
pagò fino al 1969 6
[illegible] 8
[illegible]

Pagò fino al 1971. £ - 2 -
Pago fino al 1973 10
10c
20c
1978 [illegible]

Fig. 4

# Introito 

1924.

Nuova amministrazione di Andrea Magro.

Avuti per lucri del capitale
di £100 fondato pel Triduo
della Vergine del Giglio £ 3.0.0

1925.

Avuti per lucri del suddetto
capitale . . . . . . . £ 3.0.0

1926.

Avuti per lucri del suddetto
capitale . . . . . . . £ 3.0.0

£ 9.0.0

Fig. 5

1927 Di San Sale Gristi [illegible]

Anno Dñi Millesimo Nongentesimo Quinquagesimo Quarto

1954.

Die vero secunda (2) mensis Martii

41 Andreas Magro

Andreas Magro, aetate annorum 62, filius qqddm Michaelis et Mariae Barbara, olim conj., domi cadaver inventus, animam Deo reddidit, hora incerta, in Via S. Catharina No 2. Cujus cadaver in Coemeterium Parochiale translatum, post exsequia peracta, in avello No 22 Divisionis Communis conditum fuit.

In quorum fidem etc
Gerhardus sac Mangion
Parochus

Fig. 6

4

130
1922

A Sua Eccellenza Rev.ma
Mgr. Dom Mauro Caruana O. S. B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
etc. etc. etc.

Umile ricorso di Andrea Magro della Micabiba

Riverentemente espone,

Che esso ha raccolto da diversi confratelli della Confraternita della B. V. della Concezione della Micabiba e da altre pie persone, la somma di Lire Sterline Cento, perchè tale somma sia depositata nella Cassa delle Pie Amministrazioni di questa Diocesi e coi relativi lucri sia eretta una fondazione perpetua di un triduo antecedente la festa della B. V. della "tal Gilin" che si celebra nella terza Domenica di Maggio,

Quella

Fig. 7a

della Concezione e 3) che la fon-
dazione in parola sia principia-
ta dal corrente anno 1922, collo
obbligo del ricorrente di pagare tut-
ti gli onorari dovuti per lo stesso
anno 1922

Andrea Sagro

Fig. 7b

./.

Presentato da Giov: Camilleri
il dì 4 Marzo 1922.

Sac. P. Vella Mangion
Cancell:

Accettiamo ed erigiamo canonicamente la fondazione di cui nel presente ricorso, previo il deposito delle £100 nella Cassa delle Pie Amministrazioni, con questo che venga assolutamente esclusa ogni musica in dette funzioni, cioè tre vesperi, tre prediche e tre messe cantate, da eseguirsi a solo organo e, di più, esclusa ogni sorta di esteriorità.

Dato dalla S. Curia Vescle di Malta, il dì 12 Aprile 1922.

+ fr. A. Portelli O.P.
Vesc. Aus. Vic. Gen.

Fig. 8